**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 4 ta' Ottubru 2016**

Numru 1

**Rikors Nru. 8/2015**

**Joseph Feilazoo**

**vs**

**L-Onor. Prim Ministru u l-Avukat Generali tar-Repubblika**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tat-22 ta' Jannar 2015 li jghid hekk:

Fatti:
Illi fis-27 ta' Awwissu 2008 ir-rikorrenti wasal gewwa l-ajruport internazzjonali ta' Malta minn Spanja.

Illi minghajr ebda raguni valida ir-rikorrenti gie mwaqqaf u interrogat u konsegwentament saritlu tfittxija fuq persuntu.

Illi tul l-interrogazzjonijiet kollha li saru, r-rikorrenti la qatt inqratlu t-twissija u lanqas ma inghata opportunita li jkun assistit minn avukat.

Illi minn din it-tfittxija ma irrizultax illi r-rikorrent kellu oggetti illegali fuq persuntu, izda minkejja dan ir-rikorrenti intbghat l-isptar fejn ittehdulu xi x-rays.

Illi minkejja li ma kienx assistit minn avukat, ir-rikorrenti gie mitlub jaghti l-kunsens sabiex jittehdulu l-x-rays. Ir-rikorrenti kien jinsab fi stat vulnerabbli u frott in-nuqqas ta' assistenza legali, ta l-kunsens tieghu sabiex jittiehed l-x-ray.

Illi minn dawn l-x-rays irrizulta illi r-rikorrent kellu diversi kapsoli gewwa l-imsaren tieghu.

Illi r-rikorrenti inzamm l-isptar fejn baqa' jigi interrogat u fejn ghazel li jassisti lill-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom.

Illi fid-29 ta' Awwissu 2008 inhargu diversi akkuzi fil-konfront tar-rikorrenti.

Illi konsegwentament l-Avukat Generali uza d-diskrezzjoni tieghu sabiex jiddeciedi jekk l-akkuzat jigix gudikat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jew inkella Ii jinhareg Att ta' Akkuza sabiex jghaddi guri quddiem il-Qorti Kriminali u iddecieda li ghandu jinhareg Att ta' Akkuza fil-konfront tieghu.

Illi r-rikorrenti inghata l-piena ta' tnax-il sena prigunerija flimkien ma' multa ta' €50,000. Ir-rikorrenti gie ordnat ihallas €1,269.90 fi spejjez tal-qorti u minhabba Ii ma thallsux, dawn gew ikkonvertiti f'erbgha u ghoxrin xahar prigunerija addizzjonali.

Aggravji:
1. Nuqqas ta' Assistenza Legali:
Il-fatt illi r-rikorrenti gie mgieghel jiffirma karta Ii tistipula illi qed jaghti l-kunsens li jittiehdulu x-rays u dan qabel ma thalla jikkonsulta mal-avukat tal-fiducja tieghu jikser id-drittijiet fundamentali tieghu, senjatament l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjonali ta' Malta.

Taht il-ligi Maltija l-pulizija huma awtorizzati biss jiehdu dawk il-kampjuni hekk kif ikkontemplat fil-Kodici Kriminali. Tali ligi ma taghti l-ebda awtorita lill-pulizija jew entita ohra sabiex individwu jigi suggett ghall-x-rays, aktar u aktar meta ma jkun jezisti l-ebda dubju li huwa ragenevoli fil-ligi sabiex isir dan. Fil-kaz odjern x-ray setghet tittiehed biss bil-kunsens tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant ir-raguni tiddetta illi r-rikorrenti iffirma l-karta tal-kunsens jew ghax kien imgieghel jew inkella ghaliex ma kienx jaf il-ligi. Li kieku r-rikorrenti thalla jikkonsulta ma' avukat, kien jinghata l-parir li ma jiffirma l-ebda karta. F'dan il-kaz il-pulizija setghu biss jarrestaw lir-rikorrenti u jzommuh massimu ta' tmienja u erbghin siegha fil-kustodja taghhom.

In-nuqqas ta' gharfien fil-ligi minn naha tal-esponenti waslu sabiex ir-rikorrenti jinkrimina lilu nnifsu billi ta l-kunsens tieghu ghal-procedura medika li wasslet sabiex produciet l-unika evidenza li waslet sabiex ir-rikorrenti jigi inkriminat.

Barra minnhekk it-twissija ma gietx moghtija lir-rikorrenti qabel ma intalab jaghti l-kunsens tieghu sabiex jittehdulu l-x-rays. Bhal ma jirrizulta fil-process verbal, ir-rikorrenti iffirma l-ittra tal-kunsens fis-27 ta' Awwissu 2008 u l-istqarrija inghatatlu fit-28 ta' Awwissu 2008.

Bhal ma sahqet il-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' Salduz vs. Turkey:
“an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at that stage of the proceedings, the effect of which is amplified by the fact that legislation on criminal procedure tends to become increasingly complex,

notably with respect to the rules governing the gathering and use of evidence. In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer whose task it is, among other things, to help to ensure respect of the right of an accused not to incriminate himself". (Enfazi tal-esponenti).

Illi r-rikorrenti oggettivament huwa meqjus bhala persuna vulnerabbli fis-sens illi titlob il-Qorti Ewropeja. Il-ligi li tikkoncerna t-tehied ta' kampjuni hija wahda kumplessa u zgur illi l-esponenti ma kienx edott minnha. Barra minn hekk, kif sejjer jigi pruvat fis-smigh ta' dan ir-rikors, saret pressjoni qawwija fuq l-esponenti sabiex jiffirma l-istqarrija. Biss biss, mill-istqarrija iffirmata wiehed jinnota l-firem ta' zewg ufficjali tal-pulizija, Spettur u Surgent. Wiehed isaqsi, ghalfejn dawn il-firem kollha?

Illi bhal jirretenu kemm il-Qrati Maltin u kif ukoll dik Ewropeja wiehed ghandu jara x'impatt kellha l-istqarrija jew evidenza mehudha fin-nuqqas ta' konsultazzjoni ma' avukat. Fil-kaz odjern l-unika evidenza li kien hemm fil-kaz kienet dik mehudha bl-x-ray u l-istqarrija sussegwenti. Minghajr din l-evidenza l-esponenti qatt ma kienx jigi inkriminat. B'hekk huwa evidenti illi r-rikorrenti inkrimina lilu innifsu.

Dan il-fatt tal-ahhar, wiehed jista' jghid illi osservatu l-Qorti Krirninali fejn fis-sentenza moghtija fil-konfront tal-esponenti qalet:
"What this Court cannot understand is why, given the fact that accused was caught red-handed, he did not plead guilty upon arraignment [...]"

Il-Qorti stess gharfet illi tant kienet qawwija l-prova migbura illi r-rikorrenti ma kellu l-ebda tip ta' difiza xi jqajjem u kien mistenni illi jammetti ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

2. Diskrezzjoni tal-Avukat Generali illi jiddeciedi dwar l-Andament tal-Kawza:
Id-diskrezzjoni li ezercita l-Avukat Generali, partikolarment taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jiddeciedi jekk l-akkuzat kellux jigi gudikat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jew inkella jekk kelliex tinhareg Att ta' Akkuza ukoll kisru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti senjatament l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Illi ghalkemm f'sentenzi ricenti ta' din l-Onorabbli Qorti intqal illi d-diskrezzjoni tal-Avukat Generali ma taghmilx differenza fuq l-imparzjalita tal-qorti, l-esponenti jissottometti illi dan mhux minnhu. In sostenn ta' dan ir-rikorrenti jaghmel referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza li inghatatlu fejn l-Qorti espremit illi: -
"The punishment applicable under each count of the Bill of Indictment includes that of life imprisonment. The Court, however, is of the view that such life imprisonment is not appropriate given the circumstances of this case and, in particular, given accused's early plea of guilty and the fact that he is clearly a minor pawn in an otherwise big operation to transport illegal drugs from Spain to Malta".
u

"What this Court cannot understand is why, given the fact that accused was caught red-handed, he did not plead guilty upon arraignment, which would have meant that he would have benefitted more in terms of the reduction in punishment [...]"

Ezami bir-reqqa tal-ewwel paragrafu fuq citat juri bic-car illi l-Qorti harset lejn il-piena massimma u anke dik minima meta giet biex tikkalkula l-quantum tal-piena. B'hekk ghalkemm il-Qrati nostrana irretenew illi d-diskrezzjoni hekk kif ezercitata mill-Avukat Generali ma taffetwax fuq l-inidependenza tal-Qorti, dawn il-paragrafi juri xorta ohra. Id-diskrezzjoni tal-Avukat Generali affetwaw b'mod indirett il-kalkulazzjoni tal-piena.

Barra minnhekk l-ahhar paragrafu fuq citat juri bic-car illi l-Qorti ma taghtx il-piena minima semplicament ghar-raguni illi r-rikorrenti ma ammettiex il-htija tieghu fi stadju bikri tal-proceduri.

Il-fatt stess illi f'kazijiet ta' traffikar ta' droga l-Avukat Generali ghandu diskrezzjoni assoluta (unfettered discretion) li jiddeciedi tmur kontra l-artikolu 6 u kif ukolll-artikolu 7.

Jigi rilevat ukoll illi l-fatt illi f'certu kazijiet l-Avukat Generali iddecieda li jressaq kazijiet ta' traffikar ta' droga quddiem il-Qorti tal-Magistrati wassal biex ir-rikorrenti gie diskriminat u dan ghaliex id-diskrezzjoni tal-Avukat generali ma ntuzatx b'mod konsistenti. F'numru ta' kazijiet ohra ta' traffikar, l-Avukat Generali iddecieda li jressaq il-kaz taghhom quddiem il-Qorti tal-Magistrati minflok quddiem il-Qorti Kriminali. Allura wiehed jistaqsi, ghalfejn fil-kaz tal-esponenti dan ma sarx ukoll? Id-decizjoni tal-Avukat Generali kienet wahda arbitrarja ghall-ahhar u l-fatt li din giet ezercitat b'mod differenti jirrizulta fi ksur ulterjuri tad-drittijiet tal-esponenti, senjatament l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

3. Piena Inflitta:

Il-fatt illi r-rikorrent inghata multa ta' €50,000 u sahansitra gie ordnat sabiex ihallas €1,269.90 fi spejjez tal-qorti, meta kien evidenti illi r-rikorrenti ma kienx f'pozizzjoni finanzjarja illi b'xi mod jaffettwa l-hlas ta' din il-multa ukoll jiksru d-drittijiet fundamentali tal-esponenti, senjatament l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja li jipprojbixxu piena jew trattament inuman jew degradanti.

Illi l-Qorti stess fis-sentenza taghha irriteniet illi r-rikorrenti "is clearly a minor pawn in an otherwise big operation to transport illegal drugs from Spain to Malta". Barra minn hekk il-fatt illi individwu dahhal numru esagerat ta' droga f'gismu b'periklu kbir ghal hajtu sabiex jaghmel ftit flus, huwa minnhu innifsu xhieda ghal-qaghda finanzjarja tieghu. B'hekk anke jekk il-Qorti ma waslitx biex emmnet lir-rikorrenti fl-istqarrija tieghu illi ghamel dan l-att semplicament biex jghin lil ommu li kienet marida, ic-cirkostanzi tar-rejat setghu carament juru l-istat finanzjarju mizeru li kien jinsab fih.

Il-fatt illi evidentament ir-rikorrenti ma kienx f'pozizzjoni li jhallas flus sostanzjali, izda xorta wanda inghata piena ta' €50,000 jrendu l-piena bhala wahda inumana u degradanti.

Jigi invokat il-principju ta' impossibilia nemo tenetur fejn hadd ma ghandu jkun imgieghel jaghmel dak li hu impossibbli. Fil-kaz in ezami r-rikorrent gie mgieghel ihallas multa illi kien impossibbli ghalih illi jhallas.

Talbiet:
Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi r-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara ilLi gew lezi d-drittjiet tal-esponenti ghal smigh xieraq kif sanciti fl-artikoli 3, 6, 7 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u

2. Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi.

Rat ir-risposta tal-intimati li tghid hekk:

1. Illi fil-proceduri odjerni r-rikorrent qieghed jallega li huwa sofra ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti bl-artikolu 3, 6, 7 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Talab ukoll li jinghata rimedju.

2. Illi in linea preliminari, in kwantu l-mertu tal-kaz jikkoncerna proceduri kriminali Ii ttiehdu fil-konfront tar-rikorrent, l-Onorevoli Prim Ministru ma jiffigura mkien f'dan ix-xenarju u lanqas huwa edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi subordinament u bla pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, l-esponenti jirrespingu l-pretensjonijiet tar-rikorrent bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

4. Illi dwar il-fatti tal-kaz l-esponenti jirrilevaw immedjatament illi kif jirrizulta mill-atti tal-kaz kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Joseph Feilazoo", ir-rikorrent twaqqaf mill-awtoritajiet mal-wasla tieghu gewwa Malta skont il-poteri moghtija lilhom mill-ligi u dan a bazi ta' suspett ragjonevoli fil-konfront tieghu. Eventwalment huwa gie mressaq il-Qorti akkuzat b'diversi reati u sussegwentement instab hati tal-istess u ntbaghat il-habs u wehel ukoll multa.

5. Illi matul l-interrogazzjonijiet, ghalkemm ma kienx assistit minn avukat ghax dan id-dritt ma kienx ghadu gie fis-sehh fil-ligi Maltija, id-drittijiet kollha tar-rikorrent xorta gew salvagwardjati u anke nghata t-twissijiet kollha skont il-ligi.

6. Illi r-rikorrent ta l-kunsens tieghu ghat-tehid tal-x-rays volontarjament u dan minkejja Ii kien infurmat li t-tehid ta' tali x-rays kien intiz sabiex jigi stabbilit jekk hu kienx qieghed igorr xi kapsoli Ii fihom id-droga.

7. Illi fuq ghazla libera tar-rikorrent, waqt il-proceduri kriminaIi fil-konfront tieghu, huwa ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontrih fil-prezenza tal-avukat tieghu, u baqa' jippersisti b'din l-ammissjoni minkejja Ii nghata zmien biex jerga' jahsibha u minkejja li gie mwissi mill-Qorti bil-konsegwenzi kollha Ii dik l-ammissjoni kienet iggib maghha.

Dwar l-ilment tar-rikorrent li joIqot in-nuqqas ta' assistenza legali

8. Illi fl-ewwel lok l-esponenti jopponu fermement l-allegazzjonijiet li qieghed jaghmel ir-rikorrent Ii huwa gie mgieghel jaghti l-kunsens tieghu sabiex jittiehdulu xi x-rays. L-esponenti anzi jishqu li tali kunsens inghata b'mod hieles u dan kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

9. Illi inoltre l-allegazzjoni illi li kieku r-rikorrent thalla jikkonsulta ruhu ma avukat, l-ezitu kien ikun differenti hija wahda purament gratuwita u spekulattiva u ghandha ghalhekk tigi trattata bhala tali.

10. Illi l-esponenti jirrilevaw ulterjorment Ii ma hemm xejn straordinarju fil-fatt Ii l-istqarrija li r-rikorrent irrilaxxa lill-pulizija kienet iffirmata minn Spettur u Surgent. Din hija procedura Ii ilha tigi mhaddma ghal ghexieren ta' snin mill-korp tal-Pulizija u ghalhekk anke tali nsinwazzjoni hija purament fiergha.

11. Illi in tema legali, minkejja numru ta' sentenzi moghtija kemm mill-Qorti Kostituzzjonali f'Malta kif ukoll minn dik Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem dwar in-nuqqas ta' assistenza legaIi, jirrizulta b'mod car u inekwivoku Ii ebda Qorti, f'ebda hin ma stabbiliet bhala principju universali li n-nuqqas ta' assistenza legali f'xi stadju tal-investigazjonijiet awtomatikament iggib maghha lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

12. Illi effettivament il-Qrati f'kazijiet ta' din ix-xorta ghamlu analizi ndividwaIi tac-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz Ii kellhom quddiemhom, b'dan li kien biss wara ezami akkurat tal-assjem tac-cirkostanzi kollha, illi l-istess Qrati waslu ghall-konkluzjoni jekk f'dawk il-kazijiet partikolari, in-nuqqas ta' assistenza legali kienetx Ieziva jew Ie tad-drittijiet umani tal-akkuzati in kwistjoni.

13. Illi kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, fil-kaz odjern ma ghandu jirrizulta ebda ksur ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrent Feilazoo.

14. Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost in kwantu l-proceduri lamentati mir-rikorrent huma ormai res judicata, id-dritt ghal smigh xieraq irid jigi evalwat fir-rigward tat-totalita tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward ta' mument specifiku kif qed jipprova jaghmel ir-rikorrent odjern.

15. Illi effettivament ir-rikorrent inghata t-twissijiet kollha skont il-ligi u cioe Ii ma kienx obbligat jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq izda Ii dak Ii ser jghid seta' jingieb bhala prova kontra tieghu.

16. Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz, kemm fl-ghoti tal-kunsens ghat-tehid tal-x-rays kif ukoll ghal dak Ii jirrigwarda r-rilaxx tal-istqarrija, ir-rikorrent irrikonoxxa Ii kien qieghed jifhem l-import tac-cirkostanza Ii kien jinsab fiha.

17. Illi inoltre u ghar-ragunijiet suesposti I-allegata vulnerabiIita tar-rikorrent qeghda wkoll tigi fermament opposta mill-esponenti. Kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz, ir-rikorrent kellu maturita bizzejjed li jkun ben konsapevoli

tar-riskji u l-konsegwenzi li seta' jiffacja minhabba l-attivita llecita li taghha eventwalment instab hati.

18. Illi inoltre fil-proceduri kriminali, apparti xhieda ohra li tressqu, ir-rikorrent odjern ammetta ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontrih, u minkejja li huwa nghata hin bizzejjed biex jirrifletti dwar dan, huwa baqa' jippersisti b'tali ammissjoni ta' htija. Dan kollu sar fil-prezenza u bl-assistenza tal-avukat tal-fiducja tieghu.

19. Illi ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent fl-ebda waqt tal-proceduri kriminali in kontestazzjoni ma attakka l-validita jew il-volontarjeta tal-ghoti tal-kunsens tieghu ghat-tehid tal-x-rays jew ghar-rilaxx tal-istqarrija u lanqas ma oppona ghall-prezentata tal-istess, izda huwa proprju issa, tant snin wara, li qed issir l-allegazzjoni ta' xi vjolazzjoni ta' drittijiet tieghu.

20. Illi l-fatt illi r-rikorrent l-ewwel halla l-proceduri kollha quddiem il-Qrati ordinarji jigu konkluzi imbaghad qaghad jistenna u wara tant snin 'hareg mill-komma' lanjanzi li huma ta' natura kostituzzjonali jgib bhala konsegwenza illi t-tqanqil ta' dawk il-lanjanzi jkunu 'frivoli u vessatorji'. Il-frivolu jew vessatorju jinkorpora mhux biss l-infondat u l-fieragh, izda wkoll it-tqanqil ta' argumenti b'mod intempestiv u b'mod illi jkun jidher manifestament illi jkunu ntaghzlu biex jergghu jifthu materja li ormai hija res judicata.

21. Illi fid-dawl tas-suespost kif ukoll kif ghandu jirrizulta mill-atti tal-process kriminali huwa manifest li d-drittijiet tar-rikorrent, senjatament dawk sanciti fl-artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta qatt ma gew lezi.

Dwar l-ilment tar-rikorrent li jolqot id-diskrezzjoni tal-Avukat Generali

Eccezzjonijiet dwar l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u I-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta

22. Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li l-kariga tal-esponent stabbilita a tenur tal-artikolu 91 tal-Kostituzzjoni ta' Malta hija wahda li taghtih is-setgha li jistitwixxi, jaghmel u jwaqqaf proceduri kriminali kriminali, oltre setghat ohrajn moghtija lilu b'xi ligi f'termini li jawtorizzawh li jezercita dik is-setgha fil-gudizzju ndividwali tieghu. (Ghal dawn is-setghat I-esponent ma hu suggett ghal ebda direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorita ohra). Din id-diskrezzjoni hija wahda direzzjonali u mhux kostituttiva tal-azzjoni penali, liema azzjoni hija prosegwibbli ndipendentement mill-esponent.

23. Illi fil-kuntest tal-proceduri odjerni d-diskrezzjoni tal-esponent dwar l-ghazla tal-forum li quddiemu l-imputat gie akkuzat sabiex jigi gudikat skont il-ligi giet ezercitata proprju f'dawn il-parametri in kwantu b'mod kuxjenzjuz wasal ghad-decizjoru tieghu fid-dawl ta' kriterji li huma facilment rintraccabbli u identifikabbli fil-gurisprudenza nostrali senjatament il-kwantita ta' droga, it-tip ta' droga, il-livell ta' partecipazzjoni tal-akkuzat fir-reat, l-istqarrija tieghu, il-fedina penali, kif ukoll aggravanti u cirkostanzi ohra partikolari ghall-kaz.

24. Illi l-esponent jeccepixxi li anke jekk il-kriterji uzati minnu fid-decizjoni dwar il-Qorti li quddiemha tintbaghat persuna mhumiex elenkati fil-ligi, dan il-fatt wahdu ma ghandux iwassal awtomatikament ghal sejbien ta' ksur ta' drittijiet

fundamentali tar-rikorrent taht l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u taht l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

25. Illi l-esponent itenni li kull kaz ghandu l-fattispeci partikolari tieghu u l-ordni moghtija minnu sabiex ir-rikorrent odjern jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali inghatat b'mod kuxjenzjuz skont ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz tieghu.

26. Illi effettivament il-piena li nghata r-rikorrent mill-Qorti kienet taqa' fil-parametri tal-kompetenza tal-Qorti Kriminali u mhux dik tal-Qorti tal-Magistrati u ghalhekk dan ikompli juri kemm l-uzu tad-diskrezzjoni mill-Avukat Generali kien gust u korrett.

27. Illi inoltre tenut kont in-natura tar-reat li bih gie akkuzat u misjub hati r-rikorrent ghandu jitqies li kien prevedibbli ghalih li janticipa li l-kaz tieghu kien ser jispicca quddiem il-Qorti Kriminali.

28. Illi ghaldaqstant u fid-dawl tas-suespost ma ghandu jirrizulta li hemm ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent taht l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.

Eccezzjonijiet dwar l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta

29. Illi fil-fehma tal-esponenti l-uzu tad-diskrezzjoni tal-Avukat Generali fix-xenarju in kwistjoni ma tmurx kontra l-provvedimenti tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. In fatti, ir-rikorrent gie mressaq quddiem qorti stabbilita bil-ligi. L-artikoli tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni in dezamina jirregolaw il-mod kif jitmexxa l-process quddiem il-Qorti u mhux kif persuna tingieb quddiem il-Qorti. Sew quddiem il-Qorti Kriminali u sew quddiem il-Qorti tal-Magistrati, min ikun mixli b'akkuza kriminali jkollu l-garanziji kollha li jrid dan l-artikolu. Imkien f'dan l-artikolu ma tinghata garanzija illi l-prosekutur ma ghandux ikollu diskrezzjoni bhal dik moghtija lill-Avukat Generali mill-ligi stess.

30. Illi tali funzjoni tal-Avukat Generali mhix sinonima mal-funzjoni ta' gudikant. Il-fatt illi l-ligi taghti diskrezzjoni lill-Avukat Generali fejn jista' jaghzel quddiem liema qorti jkun ser jisma' l-kaz ma jfissirx illi b'xi mod l-Avukat Generali jikkonverti ruhu f'gudikant.

31. Illi bl-ezercizzju tad-diskrezzjoni moghtija lilu, l-Avukat Generali ma jkunx qieghed b'xi mod jaghti xi decizjoni fuq il-mertu tal-akkuzi. Li jsir huwa li jigi stradat il-kaz billi tigi ezaminata l-gravita tieghu fid-dawl tac-cirkostanzi li jiccirkondaw il-kommissjoni tar-reat. L-istess jinghad fuq il-piena u cioe li l-Avukat Generali ma jiddecidiex il-piena li ghandha tigi inflitta f'kaz li persuna tinsab hatja. Ghal massimu, hija l-ligi stess li tippreskrivi l-minimu u l-massimu tal-piena f'kaz ta' sejbien ta' htija. L-Avukat Generali, bhala Prosekutur, l-aktar li jista jaghmel huwa li jiddetermina l-forum kompetenti li fih imbaghad tinstema l-kawza. Biss l-Avukat Generali ma ghandux setgha la fuq jekk persuna

tinstabx hatja jew le, u l-anqas ghandu setgha jiddetermina l-piena erogabbli fil-kaz li dak il-forum isib lill-akkuzat hati tal-akkuzi kontestati lilu.

32. Illi dan jinghad peress li l-Avukat Generali ma ghandu l-ebda poter jew kontroll fuq jekk akkuzat jinstabx hati jew le u dana stante illi tali decizjoni tittiehed mill-organu kompetenti illi hija l-Qorti. Bil-poter moghti bil-ligi, l-Avukat Generali mhux qed jaghmel ebda pre judgment jew gudizzju fuq htija tal-persuna li mexxa kontra taghha.

33. Illi l-principji kollha suesposti diga gew stabbiliti f'katina ta' gurisprudenza nostrali. (Ara fost ohrajn Claudio Porsenna vs Avukat Generali deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Marzu 2012 u Godfrey Ellul vs Avukat Generali deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' April 2006).

34. Illi ghaldaqstant u fid-dawl tas-suespost ma ghandu jirrizulta li hemm ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.

Eccezzjonijiet dwar l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea

35. Illi sabiex jigi kkunsidrat argument taht il-kappa ta' dan l-artikolu irid isir tqabbil ta' 'like with like'.

36. Illi l-fatt li l-Avukat Generali jaghti l-kunsens tieghu sabiex certi kazijiet jinstemghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati filwaqt li ohrajn ghandhom jinstemghu quddiem il-Qorti Kriminali huwa proprju minhabba li jkunu jvarjaw ic-cirkustanzi tal-kazijiet rispettivi b'dan li l-kazijiet l-aktar serji jintbaghtu quddiem il-Qorti Kriminali u dawk inqas serji jintbaghtu quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Isegwi ghalhekk li ma jistax isir tqabbil ta' like with like ghax kollox jiddependi minn jekk il-kaz hux serju jew inqas serju.

37. Illi l-esponent isostni li l-kaz li kien jinvolvi r-rikorrent kien wiehed ta' natura serja, liema fattur huwa rifless mhux biss fl-ghazla tal-Qorti imma anke fl-ghoti tal-piena u ghalhekk ma sehhet ebda diskriminazzjoni fil-konfront tieghu. Ghalhekk meta mqabbel ma kazijiet ohra ta' natura serja bhal tieghu li lkoll spiccaw quddiem il-Qorti Kriminali ma jistax jitqies li sehhet xi diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent.

Dwar l-ilment tar-rikorrent li jolqot il-piena nflitta

38. Illi l-esponent isostni li d-decizjoni tal-Qorti Kriminali li tordna lir-rikorrent ihallas multa ta' Eur50,000 u l-ispejjez tal-kawza hija wahda gusta, moghtija skont id-diskrezzjoni tal-Qorti li semghet il-kaz u taqa' pjenament fil-parametri tal-poteri tal-Qorti skont il-ligi.

39. Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, minn verifika tal-atti tal-proceduri kriminali in kwistjoni, l-esponenti ma jirrizultalhomx li kien hemm xi evidenza li taghti hjiel li r-rikorrent ma kienx f'qaghda finanzjarja li jhallas tali multa u spejjez. Lanqas irrizultalhom li c-cirkostanzi tar-reat "carament juru l-istat finanzjarju mizeru" tar-rikorrent kif qieghed jallega fir-rikors promotur.

40. Illi l-esponenti jirrilevaw li l-kazistika dwar l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni hija kopjuza u testabilixxi b'mod konsistenti fosthom fil-kaz A and others v. United Kingdom (App No 3455/05) deciz 19 ta' Frar 2009 li:
"Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see Kafkaris v. Cyprus [GC], no. 21906/04, § 95, ECHR 2008). The Court has considered treatment to be "inhuman" because, inter alia, it was premeditated,was applied for hours at a stretch and caused either actual bodily injury or intense physical or mental suffering. It has deemed treatment to be "degrading" because it was such as to arouse in the victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them (see, among other authorities, Kudla v. Poland [GC], no. 30210/96, § 92, ECHR 2000-XI). In considering whether a punishment or treatment was "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object was to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3. However, the absence of any such purpose cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3"

41. Illi l-esponenti jishqu li b'ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' jitqies li l-ordni tal-Qorti ghall-hlas tal-multa u l-ispejjez tal-kawza ma jistghu jitqiesu inumani u degradanti f'dan il-kuntest. Addirittura, l-Qorti Ewropea fil-kaz appena citat tkompli tghid hekk:
"In order for a punishment or treatment associated with it to be "inhuman" or "degrading", the suffering or humiliation involved must go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment (Ramirez Sanchez, cited above, §§ 118-119)" (Tipa grassa u sottolinear tal-esponenti ).

42. Isegwi ghalhekk illi fi kwalunkwe kaz, kull sofferenza li dato ma non concesso, seta' sofra r-rikorrent minhabba l-piena inflitta u l-hlas tal-multa, hija wahda inevitabbli u ssegwi trattament legittimu li rcieva mill-Qorti kompetenti bhala rizultat tal-ghemil illecitu tieghu. Ghalhekk tali sofferenza, jekk sehhet, hija fi kwalunkwe kaz eskluza mill-applikabilita tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

Ghaldaqstant u fid-dawl tas-suespost l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad l-allegazzjonijet u t-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet;

IIIi b'verbal tad-29 ta' Mejju 2015 id-difensur tar-rikorrent irtira t-talba tieghu fil-konfront tal-Prim Ministru u zamm ferm it-talbiet tieghu kontra I-Avukat Generali. Ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-intimati hija Ilum ezawrita.

Rat li r-rikors thalla ghas-sentenza.

**Fatti**

Illi l-fatti tal-kaz jirrizultaw kollha mill-process kriminali li gie esebit bhala parti mill-provi tal-partijiet. Brevement il-fatti huma dawn:
Fis-27 ta' Awwissu 2008 r-rikorrent wasal gewwa I-ajruport internazzjonali ta' Malta minn Spanja. Hu twaqqaf mill-awtoritajiet mal-wasla tieghu skont il-poteri moghtija Iilhom miII-ligi u dan a bazi tal suspett fil-konfront tieghu. Ir-rikorrent ta I-kunsens tieghu ghat-tehid taI-x-rays u gie infurmat Ii t-tehid tal tali x-rays kien intiz sabiex jigi stabbilit jekk hu kienx qieghed igorr xi kapsoli Ii fihom id-droga. Eventwalment huwa gie mressaq il-Qorti akkuzat b'diversi reati u sussegwentement, fuq ammissjoni, kien instab hati tal-istess u wehel sentenza ta’ prigunerija u multa.

**Talba**

Fir-rikors prornotorju tieghu r-rikorrent qed jitlob Ii jigi dikjarat illi gew Iezi d-drittjiet fundamentali tieghu ghal smigh xieraq kif sanciti fl-artikoli 3, 6, 7 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u I-artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni tal Malta.

**Ikkunsidrat**
**Dwar in-nuqqas ta' ghajnuna ta' avukat**

Ir-rikorrent isejjes l-aggravju tieghu hekk:
Il-fatt illi r-rikorrenti gie mgieghel jiffirma karta Ii tistipula illi qed jaghti l-kunsens Ii jittiehdulu x-rays u dan qabel ma thalla jikkonsulta mal-avukat ta' fiducja tieghu jikser id-drittijiet fundamentali tieghu, senjatament l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjonali ta' Malta. Jghid li kieku

hu thalla jikkonsulta ma' avukat, kien jinghata l-parir li ma jiffirma l-ebda karta. Isostni illi hu oggettivament huwa meqjus bhala persuna vulnerabbli fis-sens illi titlob il-Qorti Ewropea. Il-ligi li tikkoncerna t-tehied ta' kampjuni hija wahda kumplessa u zgur illi hu ma kienx edott minnha. Barra minn hekk saret pressjoni qawwija fuqu sabiex jiffirma l-istqarrija. Biss biss, mill-istqarrija iffirmata wiehed jinnota l-firem ta' zewg ufficjali tal-pulizija, Spettur u Surgent, u staqsa, ghalfejn dawn il-firem kollha?

Ghal dan l-aggravju l-Avukat General wiegeb hekk:

> Illi hu jopponi fermement l-allegazzjonijiet li qieghed jaghmel ir-rikorrent li huwa gie mgieghel jaghti l-kunsens tieghu sabiex jittihdulu xi x-rays. L-esponenti anzi jishaq li tali kunsens inghata b'mod hieles. Illi effettivament ir-rikorrent inghata t-twissijiet kollha skont il-ligi - kemm tl-ghoti tal-kunsens ghat-tehid tal-x-rays kif ukoll ghal dak li jirrigwarda r-rilaxx tal-istqarrija. Illi ma hemrn xejn straordinarju fil-fatt li l-istqarrija li r-rikorrent irrilaxxa lill-pulizija kienet iffirmata minn Spettur u Surgent billi din hija procedura li ilha tigi mhaddma ghal ghexieren ta' snin mill-korp tal-Pulizija. Illi fil-proceduri kriminali, apparti xhieda ohra li tressqu, ir-rikorrent ammetta l-imputazzjonijiet kif dedotti kontrih, u minkejja li huwa nghata hin bizzejjed biex jirritletti dwar dan, huwa baqa' jippersisti b'tali ammissjoni ta' htija. Dan kollu sar fil-prezenza u bl-assistenza tal-avukat tal-fiducja tieghu. Ir-rikorrent fl-ebda waqt tal-proceduri kriminali in kontestazzjoni ma attakka l-validita jew il-volontarjeta tal-ghoti tal-kunsens tieghu ghat-tehid tal-x-rays jew ghar-rilaxx tal-istqarrija, izda huwa proprju issa, tant snin wara, li qed issir l-allegazzjoni ta' xi vjolazzjoni ta' drittijiet tieghu.

Illi ebda Qorti, f'ebda hin ma stabbiliet bhala principju universali li n-nuqqas ta' assistenza legali f'xi stadju tal-investigazjonijiet awtomatikament iggib maghha lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tal Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Illi effettivament il-Qrati f’kazijiet tal din ix-xorta jaghmlu analizi ndividwali tac-cirkostanzi partikolari tal kull kaz li jkollhom quddiemhom, b'dan li wara ezami akkurat tal-assjem tac-cirkostanzi kollha, l-istess Qrati jaslu ghall-konkluzjoni jekk fdawk il-kazijiet partikolari, in-nuqqas ta’ assistenza legali hijiex leziva jew le tad-drittijiet fundamentali tal-akkuzat. Inoltre l-proceduri lamentati mir-rikorrent huma res judicata. Id-dritt ghal smigh xieraq irid jigi evalwat fir-rigward tat-totalita tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward tal mument specifiku kif qed jipprova jaghmel ir-rikorrent. Dwar l-allegati vulnerabilita r-rikorrent hu kellu maturita bizzejjed li jkun ben konsapevoli tar-

riskji u l-konsegwenzi li seta' jiffacja minhabba l-attivita llecita tieghu li taghha eventwalment instab hati.

**Tehid ta' x-ray**

Illi r-rikorrent fl-affidavit tieghu jghid li meta waqqfuh il-Pulizija l-airport u ma sabu xejn fuqu, qaluiu li kienu ser jiehduh l-isptar biex jaghmlulu x-ray tal-istonku tieghu billi kellhom suspett ragjonevoli li kien qed igorr id-drogi. Qal li hu ma qabilx u ried l-avukat izda huma qalulu li ma kellux dritt ghal avukat. Meta kien l-isptar qalulu biex jiffirma karta u reggha rrifjuta u talabhom jikkuntattja l-avukat fi Spanja. Huwa qaluiu li kienu ser jaghmlulu l-x-ray irid jew ma jridx. Huma ghamlu hafna pressjoni fuqu, u dak il-hin kien imbezza u ghajjien. Imbaghad hu ffirma. Meta ghamlulu l-x-ray sabu d-drogi l-imsaren tieghu.

L-intimati innegaw li saret xi pressjoni fuq ir-rikorrent. Qalu li ghalkemm ir-rikorrent dak iz-zmien ma kellux dritt ghal avukat bil-ligi, huma pero kienu tawh is-solita twissija li kull ma jghid kienet se tingieb bhala prova kontra tieghu. Inoltre anke kieku r-rikorrent ma tahomx il-kunsens, huma kienu lesti li jipprocedu bil-procedura skond il-ligi u jitolbu l-awtorizzazzjoni tal-Magistrat tal-Ghassa biex isir l-x-ray.

Illi l-Kodici Kriminali fit-Taqsima fuq l-Awtoritajiet li lilhom hija fdata l-amministrazzjoni tal-gustizzja kriminali, it-Titolu I jitkellem fuq is-Setghat u d-Dmirijiet tal-Pulizija Ezekuttiva fil-Procedimenti Kriminali, u fost dawn, insibu l-artikolu 355AW li jipprovdi li:

> Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-artikoli 355AV u 355AX, kampjun intimu jista' jittiehed minn persuna arrestata hiss jekk jinghata l-kunsens taghha kif dovut.

Imbaghad il-ligi tipprovdi wkolli li fil-kaz li persuna suspettata tirrifjuta li taghti l-kunsens taghha, l-artikolu 355BB4 jaghti l-poter lill-Magistrat tal-Ghassa sabiex jawtorizza t-tehid ta' kampjun minn persuna li ma tkunx arrestata u li tkun qed tirrifjuta li tissottometti ruhha ghal gbir tal-kampjun.

Illi fil-kaz in ezami r-rikorrent kien tah l-kunsens tieghu (ara Dok. a fol. 59 Consent Form) ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn li tintalab l-awtorizzazzjoni tal-Magistrat mill-pulizija investigattiva.

Ir-rikorrent pero jsostni li hu kien talab l-assistenza tal-avukat u ma nghatax u kien taht pressjoni biex jiffirma.

Illi fil-fehma tal-Qorti r-rikorrenti ma gab ebda prova li hu gie sfurzat biex jiffirma, u fil-fatt hu ma ressaq ebda xhud biex jissustanzja dak li allega jew indika minn kienu l-persuni li ghamlu pressjoni fuqu. Ghalkemm gew prodotti diversi xhieda waqt il-kumpilazzjoni dawn fl-ebda hin ma gew kontroezaminati. Jigi rilevat li r-rikorrent qatt ma lmenta dwar il-mod kif ittiehed l-x-ray waqt li kienu ghaddejjin il-proceduri kriminali inkuz waqt il-kumpilazzjoni tal-provi. Kien biss wara sitt snin wara ntemm il-process kriminali li r-rikorrent iddecieda li jressaq il-proceduri prezenti.

Kwantu ghal assistenza ta' avukat fl-istadju meta l-pulizija kienu qed jaghmlu l-investigazzjonijiet taghhom, lanqas il-Konvenzjoni Ewropea ma tesigi li persuna li qed tigi investigata jkollha d-dritt ghal avukat. Fil-fatt l-artikolu 6(3) jaghti dritt ghal avukat meta persuna is charged with a criminal offence. Meta r-rikorrent intalab li jiffirma l-consent form huwa kien ghadu biss qed jigi investigat u ma kienx ghadu gie interrogat jew charged u ghalhekk ma kellux ebda dritt ta' avukat f'dak l-istadju.

Illi f'dan il-kaz ma giex pruvat li l-kunsens tar-rikorrent gie karpit kontra l-ligi. Hu qatt ma kkontesta l-volontarjeta ta' dan il-kunsens, la quddiem il-Qorti fil-kumpilazzjoni u lanqas quddiem il-Qorti Kriminali fejn ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu u dana wara li gie imwissi mill-Qorti dwar il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni (ara fol. 349) u dana anke fil-presenza u bl-assistenza tal-avukati ta' fiducja tieghu (Dr Emanuel Mallia u Dr Arthur Azzopardi). Qabel il-guri huwa ma kien ipprezentat ebda eccezzjoni fdan is-sens (ara fol. 332 u 337) u wara l-guri ma kienx appella. F'seba' snin huwa qatt ma kkontestat li l-kunsens tieghu kien gie karpit jew li nghata taht pressjoni.

Ghalkemm it-tehid ta' materjal (bhal x-ray) minn fuq il-persuna jikkostitwixxi interferenza fit-tgawdija tal-jedd ta' privatezza, l-interferenza f'dan il-kaz kienet wahda, 'prescribed by law', 'pursued one or more legitimate aim or aims' and was 'necessary in a democratic society to attain them'. Illi l-intereferenza kienet legali billi l-pulizija kellha suspett ragjonevoli fuq ir-rikorrent u, stante il-gravita tal-kaz, il-Pulizija kellha tiehu dawk il-mizuri kollha necessarji sabiex il-provi jkunu kompluti kemm jista' jkun. L-ghan wara dik l-ordni ma kienx wiehed arbitrarju imma kien wiehed legittimu billi serva biex tingabar prova forensi biex tghin fil-prosekuzzjoni ta' persuna akkuzata b'reat serju u kienet necessarja f'socjeta demokratika billi l-gbir ta' dik il-prova forensi kienet diretta lejn ir-rizoluzzjoni ta' procediment penali. Illi t-tehid tal-x-ray in kwistjoni rrispetta l-bilanc gust bejn l-interessi tal-individwu, f'dan il-kaz tar-rikorrent, u l-interessi tas-socjeta in generali, b'mod partikolari fl-interess tal-gustizzja partikolarment minhabba l-importanza li tali prova kellha ghall-ahjar prosegwiment tal-proceduri kriminali.

Kwantu ghas-sottomissjoni tar-rikorrenti li kieku kien assistit minn avukat huwa ma kienx jaghti l-kunsens tieghu, dina l-asserzjoni hija wahda gratwita, tant li l-Qorti tinnota li anke meta kien assistit mill-avukati tieghu huwa ammetta l-akkuzi li tressqu kontrih quddiem il-Qorti Kriminali. Kwantu ghas-sottomissjoni li hu ma kienx jaf il-ligi, hu risaput li dina ma hi skuza xejn.

**Dritt tal-avukat**

Illi r-rikorrent jissottometti li huwa rrilaxxja stqarrija meta ma kienx assistit minn avukat. L-intimati wiegbu li dak iz-zmien il-ligi ma kinitx tipprovdi ghall-assistenza legali qabel jew waqt l-interogazzjoni, imma r-rikorrent inghata s-solita twissija u fl-ebda stadju ma kkontesta l-volontarjeta tal-istatement li huwa rrilaxxja la waqt il-kumpilazzjoni u lanqas quddiem il-Qorti Kriminali, fejn huwa ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Abdilla vs Avukat Generali** deciza fis-16 ta' Mejju 2016 stqarret li, fid-dawl tas-sentenza moghtija dan l-ahhar mill-Qorti ta' Strasbourg fil-kaz ta' **Borg vs Malta** l-interpretazzoni tal-Qorti Kostituzzjoni

moghtija fil-kaz **Charles Stephen Muscat** u sentenzi ohra moghtija warajha ma kinitix aktar tenibbli u ghalhekk il-Qorti kienet tal-fehma li ma kienx ghaqli tinsisti fuq dik l-interpretazzjoni taghha, ghalkemrn baqghet ittenni li kienet ghadha temmen illi hija l-interpretazzjoni korretta u ta' buon sens u imsejsa fuq konsiderazzjonijiet tal-Qorti Ewropea stess fil-kaz seminali ta' **Salduz vs it-Turkija**.

Illi skond l-imsemmija sentenza Borg vs Malta:

> Article 6§1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction - whatever its justification - must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6.
>
> It follows that, where the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons, this falls short of the requirements of Article 6.
>
> There has accordingly been a violation of Article 6§3(c) taken in conjunction with Article 6§I of the Convention.

Illi f'dan il-kaz meta r-rikorrent gie interrogat u rrilaxxja l-istqarrija ma kienx assistit minn avukat billi l-ligi, dak iz-zmien, ma kinitx taghti d-dritt ta' avukat f'dak l-istadju. In vista tal-gurisprudenza prevalenti llum dina l-Qorti qed issib li f'dan il-kaz kien hemm ksur tal-art. 6(1) moqri flimkien mal-art. 6(3)(c) tal-Konvenzjoni, izda, fil-fehma tal-Qorti, dan il-ksur kien biss wiehed formali u ma kellu ebda konsegwenza ta' hsara ghar-rikorrent fuq il-korrettezza tal-process kriminali meqjus fl-intier tieghu u dana anke meta l-Qorti tikkunsidra li r-rikorrent qatt ma kkontesta l-istqarrija li kien ghamel kemm quddiem l-Qorti istruttorja kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali meta hu dejjem kien assistit b'avukati, u li anki meta ammetta l-akkuzi, huwa dejjem kien assistit minn avukat. Effettivament il-presenza ta' avukat fil-kaz in ezami ma kinitx ser taghmel differenza billi l-htija tar-rikorrent giet stabbilita abbazi tal-fatt li nstabu fuq il-persuna tar-rikorrent id-drogi kif ukoll minhabba l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu u mhux biss a bazi tal-istqarrija li rrilaxxja.

L-intimat ssottometta li l-proceduri lamentati mir-rikorrent huma res judicata. Dina l-Qorti hija konsapevoli ta' gurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali fejn intqal li l-principju tar-res judicata mhuwiex assolut peress illi f'sede kostituzzjonali sentenza li tkun ghaddiet in gudikat tista 'xorta wahda titwarrab jekk jirrizulta ksur tad-drittijiet fondamentali'[1].

Il-Qorti pero taghmel ukoll referenza ghas-sentenza **Lanzon vs Kummissarju tal-Pulizija** deciza fil-25 ta' Frar 2013 u sentenzi ohra (**Porsenna vs A.G.**) fejn intqal li:

> Illi l-appellant ma jistax jippretendi li decizjoni ta' din il-Qorti li ghaddiet in gudikat tigi skartata u mwarrba b'mod illi ma tibqax res judicata ghaliex wara li tkun pronunzjata dik is-sentenza, (fil-kaz tal-lum seba' snin wara), ikun hemm zvilupp fil-gurisprudenza.
>
> Id-decizjoni Salduz vs it-Turkija ma tista' qatt isservi bhala pretest ghall-appellant biex jikseb dikjarazzjoni gudizzjarja illi ghandu jitwarrab dak li kien deciz minn din il-Qorti fil-kawza Victor Lanzon et noe vs Kummissarju tal-Pulizija. Dak li din il-Qorti kienet iddecidiet dwar l-istanzi tal-appellant jaghmlu stat, indipendentement minn dak li nghad erba' snin wara mill-Grand Chamber fis-sentenza ta' Salduz vs it-Turkija. Is-sentenza ta' din il-Qorti saret res judicata u ma ghaddietx mill-iskrutinju tal-Qorti ta' Strasbourg.
>
> L-argument tal-appellant huwa fieragh u legalment inaccettabbli ghaliex kull zvilupp tal-gurisprudenza, inkluz fejn si tratta ta' jeddijiet fondamentali tal-bniedem, jiswa ghall-futur mhux ghall-passat. Li kieku ma kienx hekk il-kaz kien jigri li kull sentenza li tkun saret definittiva terga' tinfetah mill-gdid ghaliex ikun hemm zvilupp jew bidla fil-gurisprudenza, ikun x'ikun dak l-izvilupp, u jkun xi jkun il-qasam tad-dritt koncernat. Li kieku ma kellhiex tkun din il-linja korretta tad-dritt, ikun ifisser, kif galet ben tajjeb l-Ewwel Qorti, illi sentenza ma tkun qatt finali.

F'dan il-kuntest u fid-dawl tal-prerness fir-rigward tas-sentenza li hija res judicata, din il-Qorti issib illi seta' kien hemm biss ksur formali tal-art. 6 tal-Konvenzjoni. Konsegwentement mhux mehtieg li l-Qorti tqis ukoll jekk kienx hemm ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

---

[1] **Cutajar vs Avukat Generali et**, Kost 22/02/2013 u **Salduz** (9): Admittedly. States are not required by the Convention to introduce procedures in their domestic legal systems whereby judgments or their Supreme Courts constituting res iudicata may be reviewed. However, they are strongly encouraged to do so, especially in criminal matters.

**Diskrezzjoni tal-Avukat Generali**

Aggravu iehor tar-rikorrenti huwa dwar id-diskrezzjoni li ghandu l-Avukat Generali taht l-art. 22 tal-Kap. 101.

Dan l-aggravju gie mfisser mir-rikorrent hekk:

> Id-diskrezzjoni li ezercita l-Avukat Generali, partikolarment taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jiddeciedi jekk l-akkuzat kellux jigi gudikat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jew inkella jekk kelliex tinhareg Att ta' Akkuza tikser d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti senjatament l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea. Ghalkemm il-Qrati taghna rretenew illi d-diskrezzjoni hekk kif ezercitata mill-Avukat Generali ma taffetwax l-indipendenza u l-imparzjalita tal-Qorti, id-diskrezzjoni tal-Avukat Generali taffettwa b'mod indirett fil-kalkolazzjoni tal-piena.
>
> Il-fatt illi f'kazijiet ta’ traffikar tal droga l-Avukat Generali ghandu diskrezzjoni assoluta (unfettered discretion) li hekk jiddeciedi, tmur kontra l-artikolu 6 u kif ukoll l-artikolu 7.

L-Avukat Generali wiegeb hekk dwar l-artikolu 6:

> L-uzu tad-diskrezzjoni tal-Avukat Generali ma tmurx kontra l-provvedimenti tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. In fatti, ir-rikorrent gie mressaq quddiem Qorti stabbilita bil-ligi. L-artikoli tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni in dezamina jirregolaw il-mod kif jitmexxa l-process quddiem il-Qorti u mhux kif persuna tingieb quddiem il-Qorti. L-Avukat Generali, bhala Prosekutur, l-aktar li jista jaghmel huwa li jiddetermina l-forum kompetenti li fih imbaghad tinstema l-kawza. Il-funzjoni tal-Avukat Generali mhix sinonima mal-funzjoni ta' gudikant. Bl-ezercizzju tad-diskrezzjoni moghtija lilu, l-Avukat Generali ma jkunx qieghed b'xi mod jaghti xi decizjoni fuq il-mertu tal-akkuzi u lanqas ma jiddeciedi x'piena ghandha tigi inflitta f'kaz li persuna tinsab hatja.

Dwar l-artikolu 7 l-Avukat Generali wiegeb li:

> Illi ma hemm ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent taht l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem. Illi d-diskrezzjoni tal-Avukat Generali dwar l-ghazla tal-forum li quddiemu l-imputat gie akkuzat sabiex jigi gudikat skont il-ligi giet ezercitata proprju f'dawn il-parametri in kwantu b'mod kuxjenzjuz wasal ghad-decizjoni tieghu fid-dawl ta' kriterji li huma facilment rintraccabbli u identifikabbli fil-gurisprudenza nostrali senjatament il-kwantita ta' droga, it-tip ta' droga, il-livell ta' partecipazzjoni tal-akkuzat fir-reat, l-istqarrija tieghu, il-fedina penali, kif ukoll aggravanti u cirkostanzi ohra

partikolari ghall-kaz. Inoltre tenut kont in-natura tar-reat li bih gie akkuzat u misjub hati r-rikorrent ghandu jitqies li kien prevedibbli ghalih li janticipa li l-kaz tieghu kien ser jispicca quddiem il-Qorti Kriminali.

**Eccezzjonijiet dwar l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**

Illi fir-rigward ta' dan l-artikolu l-Qorti taghmel referenza ghall-kaz **Ellul vs Avukat Generali** deciz fis-27 ta' April, 2006, li kien jitratta materja simili, fejn il-Qorti kienet sabet li dik id-diskrezzjoni moghtija lill-Avukat Generali ma tiksirx l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea billi l-artikolu tal-ligi li jaghti diskrezzjoni lill-Avukat Generali jirreferi ghal "pre-trial stage", filwaqt li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni "jirregola l-mod kif jitmexxa l-process quddiem il-Qorti, u mhux il-mod kif jingieb quddiem il-Qorti". L-ordni tal-Avukat Generali tinhareg qabel ma jinbeda l-process gudizzjarju proprju, u ma jolqotx il-process innifsu la tal-interrogazzjoni u lanqas tas-smigh. Ghalhekk l-Avukat Generali ma ghandux setgha la fuq jekk persuna tinstabx hatja jew le u lanqas ghandu setgha jiddetennina l-piena fil-kaz li dik il-Qorti isib lill-akkuzat hati tal-akkuzi kontestati lilu.

Kif qalet ukoll il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Grech Sant vs Avukat Generali**, deciz 8 ta' Frar 2010, b'referenza wkoll ghal kazistika tal-Qorti Ewropea, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jiggarantixxi biss smigh xieraq u mhux ukoll 'piena gusta'.

Illi fil-kaz in ezami meta r-rikorrent gie mixli b'akkuza kriminali huwa kellu l-garanziji kollha li dan l-artikolu jirrikjedi u ma ngiebet ebda prova illi r-rikorrent gie imcahhad minn xi wahda jew aktar minn dawn il-garanziji.

**Eccezzjonijiet dwar l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta**

Illi t-tifsira litterali tal-art. 7 tal-Konvenzjoni hija illi l-ligi trid tkun cara dwar x'inhuma l-atti jew omissjonijiet li jikkostitwixxu reat, u li ghal dak ir-reat ma tistax tinghata piena akbar minn kemm tghid il-ligi.

Il-Qorti ta' Strasbourg fis-sentenza **Camilleri vs Malta** ddecidiet li individwu ghandu jkun f'posizzjoni li jkun jaf mhux biss:

(i) what acts and omissions will make him criminally liable

imma wkoll

(ii) what penalty will be imposed for the act and/or omission committed.

F'dak il-kaz il-Qorti sabet li

> The Attorney General had in effect an unfettered discretion to decide which minimum penalty would be applicable with respect to the same offence. The decision was inevitably subjective and left room for arbitrariness, particularly given the lack of procedural safeguards ...

Ghalhekk f'dak il-kaz il-Qorti sabet illi l-incertezza dwar il-parametri tolqot il-prevedibilita tal-piena u ghalhekk kien hemm ksur tal-art. 7 tal-Konvenzjoni.

Illi fis-sentenza fuq riferita ta' Abdilla, il-Qorti Kostituzzjonali, wara li affermat il-principji imsemmija fis-sentenza Camilleri vs Malta, sahqet li l-ligi trid tithaddem fil-kaz konkret u mhux fl-astratt u li dak li trid tara I-Qorti huwa jekk ir-rikorrent seta' jew le jobsor illi l-gravita tar-reat minnu mwettaq la kienet zghira u Ianqas borderline, b'mod illi jekk jinqabad x'aktarx huwa kien ser jitressaq quddiem il-Qorti Krirninali.

Fil-kaz tallum, fil-fehma tal-Qorti rna hemmx kwistjoni dwar il-prevedibilita ta' x'jikkostitwixxi r-reat. Ma kienx hemm Ianqas dubju Ii dak Ii ghamel ir-rikorrent kien reat kriminali serju u mhux zghir jew borderline u ghalhekk seta' jipprevedi x'kienet ser tkun il-piena dwar ir-reat Ii kkommetta u li dwaru gie mixli.

Kazijiet bhal dana u ta' din il-gravita regoIarrnent tressqu quddiem il-Qorti Kriminali u ma jistax jinghad illi fil-kaz tar-rikorrent kienet nieqsa l-prevedibilita kif gie interpretat Ii jrid I-art. 7 tal-Konvenzjoni. Ir-rikorrent ma ressaq ebda argument biex juri li huwa kien haqqu li jigi processat quddiem il-Qorti tal-Magistrati. In oltre l-piena li giet inflitta taqa' fil-kompetenza assoluta tal-Qorti Kriminali.

Ghalhekk il-Qorti ma ssibx li kien hemm lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti taht l-art. 7 tal-Konvenzjoni u 39(8) tal-Kostituzzjoni.

**Eccezzjonijiet dwar l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea**

Illi r-rikorrent jispjega dana l-aggravju hekk:

Illi l-fatt illi f'certu kazijiet l-Avukat Generali iddecieda li jressaq kazijiet ta' traffikar ta' droga quddiem il-Qorti tal-Magistrati wassal biex ir-rikorrenti gie diskriminat ghaliex id-diskrezzjoni tal-Avukat Generali ntuzat b'mod arbitraju u mhux konsistenti.

Illi l-Avukat Generali wiegeb li:

> Il-fatt li l-Avukat Generali jaghti l-kunsens tieghu sabiex certi kazijiet jinstemghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati filwaqt li ohrajn jinstemghu quddiem il-Qorti Kriminali huwa proprju minhabba li jkunu jvarjaw ic-cirkustanzi tal-kazijiet rispettivi. Isegwi ghalhekk li ma jistax isir tqabbil ta' like with like ghax kollox jiddependi minn jekk il-kaz hux serju jew inqas serju. F'dan il-kaz meta mqabbel ma kazijiet ohra ta' natura serja bhal tar-rikorrent li wkoll spiccaw quddiem il-Qorti Kriminali, ma jistax jitqies li sehhet xi diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent.

IIli l-Qorti tirrileva li ghalkemm biex ikun hemm ksur tal-artikolu 14 ma hux mehtieg li jkun hemm ksur ta' xi dritt mhares taht xi artikolu iehor tal-Konvenzjoni (f'dan il-kaz l-artikoli 6 u 7) madankollu min jghid li saret diskriminazzjoni kontra tieghu jrid juri li dik id-diskriminazzjoni kienet fit-tgawdija ta' xi dritt jew liberta mharsa taht il-Konvenzjoni (ara **G. Ellul** Case u **Rasmussen kontra d-Danimarka**, Q.E.D.B. 28/11/1984.)

Illi jkun hemm deskriminazzjoni meta l-kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjoni ugwali jigu trattati b'mod differenti u ma jkunx hemm bazi oggettiva u ragonevoli ghal tali trattament differenti.

Fil-fehma tal-Qorti, ir-rikorrenti ma weriex li hu gie trattat b'mod aghar minn persuna ohra fl-istess sitwazzjoni bhalu. Hu ma jirreferi ghal ebda kaz iehor partikolari fejn s-sitwazzjoni ta' dan, u c-cirkustanzi rilevanti, kienu simili ghal dawk tar-rikorrent. Il-Qorti ma tistax tqies li sehhet xi diskriminazzjoni fil-

konfront tar-rikorrent meta tqabbel il-kaz tieghu ma kazijiet ohra ta' natura serja bhal tieghu li ukoll spiccaw quddiem il-Qorti Kriminali.

Ghalhekk din il-Qorti ma ssib li kien hemm ebda ksur tal-art. 14 tal-Konvenzjoni.

**Piena inflitta**

Dwar dana l-aggavju r-rikorrent jissottometti li:
Il-fatt illi r-rikorrent inghata multa ta' €50,000 u gie ordnat sabiex ihallas €1,269.90 fi spejjez tal-Qorti, meta kien evidenti li hu ma kienx f'pozizzjoni finanzjarja illi b'xi mod ihallas din il-multa jikser d-drittijiet fundamentali tieghu, senjatament l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea li jipprojbixxu piena jew trattament inuman jew degradanti.

Jghid ukoll li l-Qorti Kriminali fis-sentenza taghha irriteniet illi r-rikorrenti "is clearly a minor pawn in an otherwise big operation to transport illegal drugs from Spain to Malta". Inoltre c-cirkostanzi tar-reat carament juru l-istat finanzjarju mizeru li kien jinsab fih. Gie invokat ukoll il-principju ta' impossibilia nemo tenetur fejn hadd ma ghandu jkun imgieghel jaghmel dak li hu impossibbli.

L-Avukat Generali wiegeb li:

> Id-decizjoni tal-Qorti Kriminali li tordna lir-rikorrent ihallas multa tal €50,000 u l-ispejjez tal-kawza hija wahda gusta, moghtija skont id-diskrezzjoni tal-Qorti u taqa' pjenament fil-parametri tal-poteri tal-Qorti.
>
> Illi gie stabilit b'mod konsistenti li skond l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni:
> Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of article 3.
>
> In order for a punishment or treatment associated with it to be "inhuman" or "degrading", the suffering or humiliation involved must go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment (**Ramirez Sanchez**, cited above, §§ 118-119)". [**A and others vs United Kingdom**, App No 3455 05, deciz 19 tal Frar 2009].

Illi fil-fehma tal-Qorti f'dan il-kuntest l-ordni tal-Qorti ghall-hlas tal-multa u l-ispejjez tal-kawza ma jistghux jitqiesu inumani u degradanti.

Il-piena inflitta u l-hlas tal-multa, kienet wahda inevitabbli u ssegwi trattament legittimu li rcieva mill-Qorti kompetenti bhala rizultat tal-ghemil illecitu tieghu.

Illi r-rikorrent kien ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu ghalhekk huwa kien irrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti Kriminali setghet tasal ghaliha. Jekk ir-rikorrent dehrlu li l-piena kienet eccessiva, huwa seta' dejjem appella quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Haga li huwa ma ghamilx. Illi jirrizulta mhux kontestat li l-piena erogata kient taqa' perfettament fil-parametri moghtija mill-ligi.

Finalment ma saret ebda prova dwar l-istat finanzjarju tar-rikorrent.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi, in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, issib ksur tal-art. 6(1) moqri flimkien mal-art. 6(3)(C) tal-Konvenzjoni fis-sens illi l-ksur sehh ghax ir-rikorrenti ma nghatax il-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel ma ttehditlu stqarrija mill-pulizija;

Issib li ma kien hemm ebda lezjoni taht l-artikoli 3, 7, 14 tal-Konvenzjoni u 36 u 39 tal-Kostituzzjoni;

In vista tal-fatt li dan il-kaz kien res judicata, li kien hemm ammissjoni inkondizzjonata tar-rikorrent/akkuzat u ebda kontestazzjoni precedenti, u li l-lezjoni taht l-artikolu 6(3)(c) hija biss wahda formali u ta' ebda konsegwenza ta' hsara fuq il-process kriminali, id-dikjarazzjoni tal-istess lezjoni hi rimedju sufficjenti.

L-ispejjez jinqasmu kwantu ghal wiehed minn hamsa ghall-intimat Avukat Generali u erbgha minn hamsa ghar-rikorrent.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur